

# Kuntatt
## mal-iskola t'ibnek

APRIL - ĠUNJU 2012

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Żgħażagħ u Żgħażagħ fl-Ispirtu**

Il-25 ta' Mejju 2012 kważi magħna u kollox huwa mhejji sabiex tiġi ċċelebrata t-tieni Festa Komunità. It-tema ta' din is-sena ser tkun Ferraħ Anzjan. Kull parteċipant fl-iskola ser ikun mistieden iġib anzjan/a miegħu biex ilkoll flimkien nieħdu gost bil-programm ta' festa li ser intellgħu bl-għajnuna tal-komunitajiet kollha fir-reġjun tal-kulleġġ tagħna. Il-programm ser ikun maqsum fi tnejn: ta' filgħodu u ta' filgħaxija. Nixtieq niġbed l-attenzjoni li dakinhar l-istudenti għandhom l-iskola u din tispiċċa fis-2.30pm bħas-soltu.

Il-programm ta' filgħodu jispiċċa sal-ewwel brejk fejn ser ikun hemm il-Fun Run u ż-Zumba. Studenti minn skejjel oħra fil-kulleġġ u minn kulleġġi oħra, flimkien mal-ġenituri huma mistiedna biex jipparteċipaw ukoll. Wara l-brejk ser ikun hemm lezzjonijiet bħas-soltu. Tajjeb li wieħed ikun jaf li d-donazzjonijiet li ser jinġabru minn dawn iż-żewġ attivitajiet ser imorru biex iferrħu lill-anzjani li qegħdin fir-residenza San Vinċenz.

Il-qofol tal-programm ser jintlaħaq filgħaxija fejn ser jittella' programm mill-aqwa bl-għajnuna tal-parteċipanti kollha fl-iskola u kif ukoll fil-komunità. Hawnhekk nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil kulħadd, b'mod speċjali lill-każini tal-baned li għat-tieni darba ser jingħaqdu flimkien, idoqqu marċi ta' xulxin u mhux biss. Kull min ser jattendi għandu żgur japprezza s-sorpriża li thejjiet għal dan il-jum speċjali. L-iskola qed tagħti din l-opportunità biex l-anzjani joħorġu mid-djar tagħhom u jiġu l-iskola flimkien man-neputijiet tagħhom sabiex tkompli tissaħħaħ il-komunikazzjoni li diġà teżisti bejniethom. L-entratura hija bla ħlas u l-ikel u x-xorb ser ikun preparat mill-iskola u skont il-Healthy Eating Policy. Nistedinkom tiġu u nassigurakom li ser nieħdu gost f'ambjent mill-aqwa.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-iskola



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# EDITORJAL

**Inħarsu b'Kuraġġ Lejn il-Futur**

Bl-għajnuna t'Alla qed noqorbu lejn tmiem sena skolastika oħra għax, kif jgħid il-Malti, iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. U hawn tajjeb nieqfu ftit, nirriflettu u nistaqsu lilna nfusna: X'tgħallimt din is-sena? Fejn mort tajjeb u fejn mort ħażin? X'nista' nagħmel aħjar fil-futur? Eżerċizzju ta' evalwazzjoni bħal dan ikun ta' ġid għal kulħadd, studenti, għalliema u ġenituri ħalli nkomplu mexjin 'il quddiem. Jekk tkun sinċier miegħek innifsek żgur se ssib xi ħaġa li tista' tagħmel aħjar u huwa biss meta tagħraf dak li tista' tirranġa li inti tista' timxi 'l quddiem. Li tagħraf il-punti dgħajfin tiegħek ma jfissirx li inti fallejt, anzi jurik li inti għaqli biżżejjed li kapaċi tidentifika n-nuqqasijiet tiegħek. Il-pass li jmiss ikun li tagħmel ftit kuraġġ u taħdem biex tegħleb dawn id-dgħufijiet.

Il-vaganzi tas-sajf jistgħu jkunu żmien fejn nagħrfu fejn morna tajjeb jew le tul is-sena skolastika u nibdew naħdmu sabiex sena oħra mmorru aħjar. Tajjeb li nistrieħu u ngawdu tul il-vaganzi li resqin, iżda ma ninsewx li sena skolastika oħra tasal u rridu nkunu mħejjijin ħalli mmorru aħjar minn din li se tispiċċa. Kuraġġ u awguri għall-eżamijiet lil kulħadd!

Is-Sa C. Pisani Grixti

Assistenta Kap

# ATTIVITAJIET VARJI FL-ISKOLA



# TAĦDITA DWAR STRUMENTI TRADIZZJONALI MALTIN

Nhar it-Tnejn, 23 t'April, kellna l-opportunità nattendu għal taħdita u esebizzjoni dwar strumenti tradizzjonali Maltin. Ġie jkellimna s-Sur Ruben Żahra li huwa stess idoqq iż-żaqq mal-grupp Nafra.



Fil-fatt iż-żaqq kien wieħed mill-istrumenti tradizzjonali Maltin li rajna dakinhar, mhux biss rajnieh imma smajnieh jindaqq ukoll! Rajna u smajna wkoll iż-żummara, it-tanbur, il-flejguta u ż-żafżafa.



Rajna wkoll diversi filmati u b'hekk rajna u smajna ħafna modi differenti ta' kif jindaqqu dawn l-istrumenti. Tgħallimna ħafna affarijiet interessanti fosthom li l-ġild taż-żaqq hu magħmul mill-ġild tal-gidi; li qabel il-plattini tat-tanbur kienu magħmulin mill-għotjien tal-bottijiet tal-priserv; li ż-żafżafa għadha tintuża fil-Karnival peress li din tagħmel ħoss pjuttost tad-daħk u allura jmur ħafna mal-ferħ u l-briju tal-Karnival; li d-disinn li jkun hemm fuq it-tanbur jissejjaħ tberfil u li sa ftit ilu konna għadna wkoll narawh fuq ix-xarabanks tagħna u li f'ħafna pajjiżi ż-żummara hi assoċjata mat-tfal.



Tassew ħadna gost u tgħallimna ħafna affarijiet interessanti. Ġejna murija wkoll kif nistgħu nagħmlu bedbut u żafżafa minn affarijiet sempliċi u li ma jiswewx flus!

Joel Dimech
Klassi 1.3

# ĠITA SKOLASTIKA ĠEWWA RUMA





X'sodisfazzjon tħoss hekk kif tisma' lill-istudenti jgħidu, 'Kemm ħadna gost...ejja nerġgħu mmorru...kemm nixtieq nibqa' hawn...xi ġmiel ta' post!' Dan kollu jikkonferma kemm il-ġita li organizza d-Dipartiment tat-Taljan ġewwa Ruma għall-vaganzi tal-Għid kienet suċċess. Xħin ilmaħna l-espressjonijiet fuq l-uċuħ tal-istudenti, mill-ewwel insejna l-ħin kollu li qattajna nippreparaw b'reqqa l-programm ta' din il-mawra.

Aħna l-għalliema għamilna l-almu tagħna biex nippreparaw sal-anqas dettall u nisfruttaw kull mument f'Ruma. Għalhekk, f'erbat ijiem irnexxielna nżuru ammont konsiderevoli ta' postijiet: il-Kolossew, il-funtana ta' Trevi, l-Altare della Patria, Piazza Navona, Piazza di Spagna, Villa Borghese u l-Bioparco, il-Vatikan u l-Cappella Sistina. Saħansitra ħriġna anke mill-Belt ta' Ruma u żorna Tivoli fejn tinsab ukoll Villa d'Este fejn stajna nammiraw spettaklu kbir ta'funtani u ilmijiet.





Din il-ġita kienet ta' benefiċċju kemm għall-istudenti kif ukoll għalina l-għalliema. Tgħallimna napprezzaw kull mument li għixna flimkien. Bejnietna kibret l-għaqda u sirna qisna familja waħda. Apparti hekk, l-istudenti kellhom l-opportunità jużaw il-lingwa Taljana biex jikkomunikaw, jgħixu u jitgħallmu mit-tradizzjonijiet lokali. L-iżjed ħaġa li laqtet lilna l-għalliema matul din l-esperjenza kienet kemm l-istudenti mmaturaw għax tgħallmu jkunu indipendenti f'dawk il-jiem. Rawmu fihom valur ikbar ta' ħbiberija u rispett lejn xulxin. Kienu erbat ijiem illi ħallew xi ħaġa pożittiva f'kull wieħed u waħda minna.

Għalliema mid-Dipartiment tat-Taljan

Waħda mit-temi li bħalissa qiegħda fuq fomm diversi nies u gvernijiet hi dik tax-xogħol. Kulħadd jaf in-numru dejjem jiżdied tal-qgħad speċjalment fost iż-żgħażagħ f'numru ta' pajjiżi ġirien tagħna. Qed tinħass dejjem iżjed l-importanza li ż-żgħażagħ tagħna jkunu ppreparati għad-dinja tax-xogħol u li din it-tema tkun integrata sew fil-kurrikulu ta' kull student.









Fil-kulleġġ tagħna, fuq din it-tema hemm programm sħiħ li jinfirex mill-klassijiet tal-primarja u jibqa tiela' sal-aħħar sena tas-sekondarja. Attività prinċipali hi l-Job Exposure offruta lill-istudenti tar-Raba' Sena. Din is-sena kienet mifruxa fuq ġimagħtejn f'nofs April. Intgħażel dan iż-żmien biex ikunu kibru ftit, ikun hemm żmien biex l-istudenti jitħejjew tajjeb, it-temp ikun aħjar u min-naħa l-oħra l-istudenti ma jkunux daqshekk magħfusin bl-eżamijiet u studju. B'kollox ħadu sehem madwar 43 intrapriża li jvarjaw minn fabbriki għal- ħwienet, minn servizzi fil-komunità għal-*media*. Kull intrapriża kellha tiffirma kuntratt u sar *risk assessment* f'kull post fejn marru l-istudenti. L-istudenti ntalbu juru l-preferenzi tagħhom. Saru laqgħat kemm għall-ġenituri kif ukoll għall-istudenti. L-għalliema tal-*guidance* daru klassi klassi biex iħejjuhom għal din l-esperjenza. Kull student ingħata *log-book* li kellu jservi kemm ta' għodda biex l-istudenti jirriflettu fuq dak li jkunu għaddejjin minnu kif ukoll biex l-imprendituri jagħtu *feedback* lill-istudent fuqu nnifsu. Matul il-ġimgħa esperjenza l-għalliema tal-*guidance,* flimkien mal-*career trainee advisor*, żaru kull post tax-xogħol kemm biex jagħtu s-sapport lill-istudenti kif ukoll biex jaraw li kollox sejjer sew. Il-kummenti tal-imprendituri fuq l-istudenti tagħna kienu tajbin u inkoraġġanti ferm. Il-maġġoranza qalu li kienu puntwali u wrew inizjattiva u x-xewqa li jitgħallmu, obdew ir-regoli tal-post u kienu edukati. Dan kien ukoll rifless fil-kummenti li kitbulhom fuq il-*log-books*.

Il-ħidma tad-Dipartiment tal-Guidance ma tiqafx hawn għaliex fl-aħħar tas-sena skolastika nitolbu lill-istudenti tat-Tielet Sena sabiex jagħtu l-preferenzi tagħhom biex fis-sajf ikunu jistgħu jsiru l-kuntatti u jinstabu x-xogħlijiet.

Is-Sur M. Cassar
Għalliem tal-Guidance

# LOGĦBA?







Ħafna drabi nqisu kollox xejn mhu xejn mingħajr ma nirrealizzaw li ta' kuljum qed nagħmlu użu minn invenzjonijiet ġenjali li jagħmlu l-ħajja tagħna aktar komda u effiċjenti. Dan kien il-messaġġ tar-rappreżentazzjoni li ttellgħet din is-sena fl-okkażjoni ta' Jum iċ-Ċelebrazzjoni li saret nhar l-20 t'April.

Il-komunikazzjoni hija parti minna llum u ma nistgħux nimmaġinaw lilna nfusna mingħajr ma nċemplu lil xulxin, nibagħtu messaġġ qasir jew *email* u aktar minn hekk, *video chatting* jew *conferencing*. Dawn saru parti minn ħajjitna u ma nistgħux nimmaġinaw lilna nfusna mingħajrhom. Fil-fatt, lura fiż-żmien, kien hemm problemi kbar ta' nuqqas ta' komunikazzjoni effettiva tant li wasslet saħansitra biex taffettwa l-ħajja ta' ħafna nies.

L-istorja, fuq skript tal-Assistent Kap, is-Sur Raymond Muscat, teħodna lura fi żmien il-Griegi fejn ir-re Diomedes kien fuq ix-xwiek jistenna xi aħbar dwar il-gwerra li kienet għaddejja f'art imbiegħda. Messaġġ li dam għaxart ijiem biex jasal. U hawn naraw messaġġiera li bdew jipproponu mezzi differenti ta' komunikazzjoni li għar-re kienu xi ħaġa ta' barra minn hawn. Fl-aħħar, il-kap tal-ħassieba, Soterius, kellu jagħti verdett finali dwar liema hu l-aħjar mezz ta' komunikazzjoni, u wara diskors meqjus, issuġġerixxa li dan għandu jkun l-i*smartphone*.

Animata b'kor, b'botti ħelwin li nisslu daħka fost l-udjenza u kast verament tajjeb, l-istudenti rnexxielhom iwasslu l-messaġġ bl-aħjar mod possibbli. Nota pożittiva ħafna li ħarġet minn din ir-rappreżentazzjoni hi li wara li saru diversi awdizzjonijiet, ġew magħżula artisti li għadhom żgħar, imma bla dubju ta' xejn urew kapaċitajiet kbar. Dan jawgura tajjeb ħafna għas-snin li ġejjin.

Is-Sur K. Scicluna
Direttur

# ESPERJENZA LI MA TINTESA QATT

Memorji indimentikabbli li qasmu flimkien grupp sabiħ ta' studenti mill-Ħames Sena li attendew għall-*weekend live-in* bejn il-Ġimgħa 24 sal-Ħadd 26 ta' Frar 2012, fil-YTC Bungalow il-Buskett, bil-għan li jgawdu ftit tal-ġranet flimkien qabel itemmu l-vjaġġ ta' ħames snin fl-iskola sekondarja.




Għal sena oħra spikka ħafna l-entużjażmu, l-enerġija u s-simpatija fost dawn l-istudenti magħżula, bħala rikonoxximent tal-imġiba eżemplari tagħhom matul is-sena skolastika. Il-preparamenti laħqu l-qofol tagħhom kmieni l-Ġimgħa filgħodu, malli l-istudenti dehru jaslu l-iskola eċċitati, iġorru warajhom bagalji u basktijiet ta' kull daqs, lewn u għamla, li tant kienu mimlija, li kienu qishom se jixpakkaw biex l-istudenti żgur ma jinsew xejn warajhom.



Hekk kif il-qanpiena mmarkat is-sagħtejn u nofs, l-istudenti bdew jinġabru ħdejn l-uffiċċju tal-*Health and Safety*, biex jiġbru l-bagalji, tittieħed l-attendenza u jippreparaw biex jitilqu. Wara li l-istudenti nqasmu fi gruppi, ingħataw *T-shirt* ikkulurit tal-grupp u ħadu xi ritratti ta' tifkira, bdew mexjin għat-trasport biex jibdew il-vjaġġ lejn il-Buskett.

Mal-wasla tagħhom fil-*bungalow* l-istudenti ngħataw il-ħin jiffamiljarizzaw ruħhom mal-post, jagħżlu l-kamra tagħhom u jiddedikaw ftit mumenti flimkien fi gruppi, qabel ingħata bidu għall-programm imħejji. Matul dawn il-jumejn ta' *live-in,* kienu bosta l-attivitajiet , fosthom *night hike*, *abseiling*, *team building*, logħob interattiv, *treasure hunt* madwar l-Imdina, kif ukoll quddiesa speċjali ċċelebrata minn Fr Glen Buhagiar, Direttur



*....ikompli f' paġna 9*

## Mejju 2012

| | |
|---|---|
| 11 | Taħdita għall-ġenituri – Is-Sigurtà fuq l-Internet |
| 11 | Parteċipazzjoni f'Festa Ħandaq (studenti tat-2.5, 2.6, 2.7, 2.8) |
| 11 | Ħarġa edukattiva ETC – (studenti tal-Business Studies *option* tar-4 Sena) |
| 14 | Assessjar ta' studenti bi bżonnijiet speċjali tar-4 Sena għall-eżamijiet tas-SEC |
| 14 - 18 | Programm dwar Fire Awareness – Protezzjoni Ċivili Ħal Far - studenti tal-5.8 u 5.9 |
| 15 | Casual Green Day |
| 15 | Lezzjoni tal-Għawm – Kumpless Ta' Qali (studenti PE *option* tar-4 Sena JL u AS) |
| 16 | Sports Day mal-anzjani – Kumpless Sportiv Paola (studenti tat-3 Sena tal-Istudji Soċjali u European Studies option - Proġett EuroSkola) |
| 17 | Ftuħ Uffiċjali tal-Kumpless Sportiv San Benedittu |
| 17 | Żjara għand l-Ambaxxatur Spanjol (studenti tal-Ispanjol tal-1 u t-2 Sena) |
| 17 | COH |
| 21 | Antibullying Awareness - Taħdita għall-istudenti tat- 3.5 u 3.6 |
| 22 | Taħdita għall-ġenituri u studenti tar-4 Sena – Planning Ahead Ċerimonja tal-Job Exposure |
| 22 | Ċerimonja tal-Job Exposure |
| 23, 24, 25, 28, 29 | Trade Tasters – ETC (studenti tal-5.7, 5.8 u 5.9) |
| 25 | Festa Komunità |
| 28 | Taħdita għall-ġenituri tal-istudenti tas-6 Sena Primarja dwar it-tranżizzjoni |
| 30 | SDP għall-għalliema (ġurnata sħiħa) - L-istudenti ma jkollhomx skola |

## Ġunju 2012

| | |
|---|---|
| 1 | Bidu tan-nofstanhari |
| 4 | Laqgħa bejn l-SMT, l-għalliema tal-Guidance u l-Counsellor |
| 7 | Vaganza Pubblika |
| 12 - 27 | Eżamijiet Annwali |
| 26 | Jum iċ-Ċelebrazzjoni għall-istudenti tal-5 Sena |
| 28 - 30 | Korrezzjoni tal-karti tal-eżamijiet u dħul tal-marki |
| 29 | Vaganza Pubblika |

| Lulju 2012 | |
|---|---|
| 1 - 6 | Korrezzjoni tal-karti tal-eżamijiet u dħul tal-marki |
| 9, 10, 11 | Inset |
| 12 | Bidu tal-vaganzi tas-sajf |

N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.

*...ikompli minn paġna 7*





Spiritwali tal-iskola. Il-preparamenti kollha meħtieġa biex attività bħal din setgħet tkun possibbli, saru b'kordinazzjoni kontinwa bejn numru ta' għalliema, li b'dedikazzjoni, b'impenn u bi mħabba sħiħa li għandhom lejn l-istudenti, għażlu li joffru l-ħin u l-enerġija tagħhom, b'mod volontarju. Apparti l-attivitajiet varji mmirati biex l-istudenti jsaħħu aktar ir-relazzjoni ta' ħbiberija u jiskopru dawk l-elementi komuni u diversi ta' bejniethom, fil-kċina ma naqsux il-preparamenti kontinwi ta' ikel li jorbot mal-linji gwida tal-*healthy eating policy* imħaddna fl-iskola, u li fl-istess ħin jirrispetta l-gosti varji tal-istudenti. L-istudenti kienu normalment jibdew il-ġurnata kmieni b'kolazzjon frisk u bnin, jidħlu lura fil-*bungalow* mill-attivitajiet ta' filgħodu għall-ikla ta' nofsinhar, ikomplu bi programm ta' attivitajiet oħra sa ħin it-te u jissuktaw b'aktar attivitajiet u logħob sa tard filgħaxija, wara l-ħin tal-ikel.

Il-fatt li kienu ffurmati gruppi żgħar għen sabiex jinħoloq dak l-element ta' sfida, kompetizzjoni u impenn bejn l-istudenti fl-attivitajiet kollha li għalihom ipparteċipaw. Il-ħarsa fuq wiċċ l-istudenti fil-ħin tat-tluq mill-Buskett kienet tirrifletti l-għaqda li l-istudenti u l-għalliema rnexxielhom jibnu kif ukoll id-diqa tal-firda.

Is-Sa R. Zammit
Għalliema tal-Health & Safety

# VAGANZA AVVENTURUŻA FL-INGILTERRA



Din is-sena għall-vaganzi tal-Għid mort avventura fl-Ingilterra. Mort għal disat ijiem mal-għalliema tal-PE u tal-Health and Safety flimkien ma' xi tfal oħra. Fil-lejl ta' qabel ma tlaqna ma stajtx norqod bl-eċċitament u fis-sagħtejn ta' filgħodu kont diġà qomt. Fis-sitta ta'filgħodu ltqajna l-ajruport. Domna madwar tliet sigħat sejrin. Kulħadd kien ħerqan biex jasal u biex nibdew l-avventura tagħna ġewwa l-Ingilterra.

Qgħadna ġo ċentru tal-PGL ġewwa Liddington. Xħin wasalna poġġejna l-bagalji ġol-kmamar u l-*instructors* tal-PGL ġabruna biex jagħtuna l-istruzzjonijiet f'każ ta' nar. Wara wrewna fejn se noqogħdu u fejn se nieklu. Għalkemm l-ikel li kellna qatt ma kien l-istess dejjem kien tajjeb!

Kull filgħodu konna nqumu entużjasti biex nagħmlu l-attivitajiet. Kull attività li għamilna kienet avventura u ta' sfida. Il-ġranet kienu mimlija daqs bajda u ma kellna l-ebda mument ta' dwejjaq. L-aktar li għoġbuni kienu l-*giant swing*, *aeroball* u *zip wire*. L-iżjed waħda li ħassejtni eċċitat fiha kienet l-*abseiling* għaliex kienet l-ewwel attività. Praspura li ġrat kienet waqt li konna *raft building*. Sakemm niżżilna ċ-ċattra ġol-ilma kollox kien sew iżda xħin niżlu t-tfal l-oħra bdejna nwaqqgħu lil xulxin u xħin waqajna fl-ilma konna ser niffriżaw daqs kemm kien kiesaħ. Biex tgħaxxaqha s-swaba' ta' jdejja lanqas stajt inċaqlaqhom bil-kesħa.

F'dawn il-ftit jiem tgħallimna wkoll kif inrabbu l-kunfidenza fina nfusna, kif naħdmu ġo grupp u nissapportjaw lil xulxin. Tgħallimna wkoll kif insolvu l-problemi li jistgħu jinqalgħu.

Imbagħad kellna ġurnata differenti fejn ħriġna mill-PGL u morna nixtru minn Oxford u wara bqajna sejrin il-Cotswolds Wildlife Park. Dan il-park fih ħafna speċi t'annimali differenti fosthom







għasafar, iljuni, żebri u rettili. Din il-vaganza se tibqa' dejjem ittimbrata f'moħħi u mhu se ninsieha qatt.

Miguel Sacco

Klassi 2.1

## SPORTS DAYS FL-ISKOLA







F'ġurnata sabiħa fix-xahar t'April saret l-ewwel Sports Day għall-istudenti tat-Tielet u tar-Raba' Sena, waqt li f'Mejju saret tal-Ewwel u tat-Tieni Sena. Kien hemm attendenza sabiħa, fejn il-kompetizzjoni bejn il-klassijiet ma naqsitx. Fost l-attivitajiet li ħadu sehem fihom it-tfal kien hemm l-atletika, il-baskitbol,

*...ikompli f' paġna 13*

# META SER TISPIĊĊA L-ISKOLA?

Meta xi ħadd jispiċċa mill-iskola obbligatorja (ta' sittax-il sena) ma jfissirx li spiċċa jitgħallem. Anzi, ħafna jafu li nibqgħu nitgħallmu sa ma mmutu...min jitgħallem bl-iżbalji tiegħu stess, min mill-iżbalji ta' ħaddieħor, min jitgħallem minn xi parir ta' ħabib ta' veru u tant modi oħrajn. Dan ifisser li l-mod ta' kif wieħed jitgħallem meta jkun adult mhux bħal meta wieħed ikun żgħir fuq il-bankijiet tal-iskola.

L-ewwel nett, l-adulti li jiddeċiedu li jattendu mqar xi kors qasir, jagħmlu dan fuq għażla tagħhom. Ħadd ma jibqa' jġiegħlek titgħallem bilfors. Dawn il-persuni għaqlin indunaw li taf kemm taf, fid-dinja tal-lum qatt mhu biżżejjed.

Id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, bħal ħafna istituzzjonijiet oħrajn fosthom l-MCAST, ETC, ITS u tant oħrajn, joffri korsijiet lill-adulti f'ċentri mifruxa ma' Malta u Għawdex. Anke fin-naħa t'isfel ta' Malta, inkluż f'ħafna mill-kunsilli lokali u anke fil-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop!

Din is-sena 2011-12 fiċ-Ċentru ta' San Benedittu rreġistraw kważi 400 adult li għażlu suġġetti fosthom, *Aerobics/Keepfit*, żfin *Ballroom* u *Latin American*, korsijiet bażiċi fil-kompjuter u korsijiet aktar avvanzati bħall-ECDL, korsijiet fl-Ingliż, Malti u Matematika u anke f'xi strumenti mużikali fost oħrajn.

Il-ħsieb hu li dan iċ-Ċentru ta' San Benedittu joffri firxa aktar wiesgħa ta' korsijiet is-sena d-dieħla. Però dan jiddependi minn kemm japplikaw edukaturi tal-adulti (għalliema) u aktar u aktar jekk japplikawx adulti biżżejjed sabiex jinfetħu dawn il-klassijiet. Normalment il-klassijiet isiru filgħaxija wara l-ħinijiet normali tax-xogħol, sabiex wieħed ikun jista' jattendi b'anqas xkiel. Dawn il-korsijiet mhux ta' kuljum, imma darba jew l-aktar darbtejn fil-ġimgħa. Normalment il-korsijiet jibdew f'Ottubru ta' kull sena. Uħud jispiċċaw f'Jannar u korsijiet oħrajn jintemmu f'Mejju. Ħafna minn dawn il-korsijiet iwasslu wkoll għall-kwalifika fis-suġġett. Barra minn hekk, peress li dawn il-korsijiet huma ssussidjati mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-prezz tagħhom huwa baxx ħafna u wħud mill-korsijiet huma saħansitra bla ħlas.

F'dan iċ-Ċentru għandna koordinatur li jieħu ħsieb ifassal l-orarju tal-klassijiet tal-adulti li jsiru filgħaxija u jara li jkun għaddej tagħlim ta' kwalità. Dan huwa s-Sur Raymond Muscat li huwa wkoll l-Assistent Kap tal-Kulleġġ.

Nissuġġerilkom tkellmuh ħalli tgħidulu liema suġġetti jinteressawkom ħalli b'hekk hu jkun jista' jippjana. Tistgħu tikkuntattjawh direttament fuq sbc.kirkop.bs@gov.mt jew fuq wieħed minn dawn in-numri: 21642427/ 21642430.

Nagħlaq billi ngħidilkom li kollox jistgħu jeħdulek fil-ħajja iżda dak li tkun tgħallimt matul ħajtek ma jista' joħodhulek ħadd!

Nittamaw li narawk f'xi wieħed mill-korsijiet li ser ikunu offruti minn Ottubru li ġej. Biex ikollok ħjiel tat-tip ta' korsijiet li noffru tista' żżur il-websajt: www.eveningcourses.gov.mt

Tislijiet,

Is-Sur V. Galea
Service Manager (Tagħlim Tul il-Ħajja)

*...ikompli minn paġna 11*





il-futsal, il-ħendbol, il-volibol u t-*tug of war*. L-iktar attività fiżika li ġibdet interess, bħal kull sena kienet dik tal-i*strongest man*. Tifel li kien qed jirrappreżenta kull klassi, għamel ħiltu kollha biex jakkwista l-punti għall-klassi rispettiva tiegħu. Fl-aħħar tal-ġurnata nġabru t-tfal kollha f'daqqa. Għalkemm kienu għajjenin, kollha kellhom tbissima fuq fommhom, waqt li kienu qed jistennew lill-għalliema tagħhom jagħtulhom ir-riżultat ta' kif marru matul il-ġurnata. Grazzi tmur lil SMT, lill-għalliema u lil-LSAs kollha li għenu f'din il-ġurnata u lill-għalliema tal-P.E. li kkordinaw dan l-avveniment tant mistenni kull sena.

Is-Sur R. Baldacchino
Għalliem tal-PE

# ŻJARA FIĊ-ĊENTRU ĊIVIKU TAL-ANZJANI TAS-SIĠĠIEWI





Nhar il-Ħamis, 22 ta' Marzu 2012, jien flimkien mal-grupp tal-istudenti tal-proġett Euroskola għamilna żjara fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi. Xħin wasalna laqgħuna b'mod tajjeb speċjalment il-*carers* u l-anzjani. Bħala ambjent ta' post huwa vera sabiħ u spazjuż. Rajna ħafna mill-anzjani jagħmlu xi krafts tradizzjonali. Wara li offrewlna ilma u *orange juice* qgħadna nagħmlu naqra *stretching exercises* mal-anzjani u wkoll qgħadna ngħinu lill-*carers* biex iqassmu t-tè. Wara għamilnielhom logħba tombla. Dawn l-anzjani tassew ħadu gost għaliex kien hemm min kien lest biex jieħu ħsiebhom u jagħti kashom. L-iskop taċ-Ċentru Ċiviku hu biex jilqa' l-anzjani biex qatt ma jħossuhom waħedhom u dan huwa wieħed mill-prinċipji li tgħallimna f'dan il-proġett li għamilna u b'hekk jibqgħu attivi fis-soċjetà.



Julian Izzo

Klassi 3.3





# ĠUNJU 2012 TIME TABLE - EŻAMIJIET ANNWALI

| Ġurnata | Sessjoni | Form 1 | Form 2 | Form 3 | Form 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| 12/6/2012 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Orali |
| | 2 | | | | |
| 13/6/2012 | 1 | Matematika | Ingliż | Malti | Lingwi (ir-4 sena) |
| | 2 | Xjenza | Reliġjon | Storja (General u Option) | Studji Soċjali (General u Option) |
| 14/6/2012 | 1 | Ingliż | Lingwi | Matematika | Malti |
| | 2 | Reliġjon | Ġografija | Studji Soċjali (General u Option) | Storja (General u Option) |
| 15/6/2012 | 1 | Lingwi | Malti | Ingliż | BS / Bijoloġija |
| | 2 | Studji Soċjali | Xjenza | Reliġjon | ICT |
| 18/6/2012 | 1 | Ġografija | Storja | GC | Lingwi (it-2 sena) |
| | 2 | M'hemmx Eżami | Studji Soċjali | ICT | Fiżika |
| 19/6/2012 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Bijoloġija / D&T/ Studji Ewropej | Kimika / D&T/ Studji Ewropej |
| | 2 | | | PE | Studji tal-Kompjuter |
| 20/6/2012 | 1 | Orali | Orali | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami |
| | 2 | | | | |
| 21/6/2012 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Kimika /BS | Letteratura Ingliża |
| | 2 | | | Studji tal-Kompjuter | HE |
| 22/6/2012 | 1 | Malti | HE / GC | Lingwi (it-3 sena) | Matematika |
| | 2 | Storja | ICT | Ġografija (General u Option) | Reliġjon |
| 25/6/2012 | 1 | HE / GC | Matematika | Lingwi (l-1 sena) | Ingliż |
| | 2 | ICT | M'hemmx Eżami | Fiżika | Ġografija (General u Option) |
| 26/6/2012 | 1 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | Orali | M'hemmx Eżami |
| | 2 | | | | |
| 27/6/2012 | 1 | D&T | D&T | HE | GC |
| | 2 | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | M'hemmx Eżami | PE |

Taqsir tal-kliem - *BS (Business Studies); D&T (Design & Technology); GC (Graphical Communication); PE (Physical Education); HE (Home Economics);*

**N.B. L-ewwel sessjoni DEJJEM tibda fit-8:00am waqt li t-tieni sessjoni DEJJEM tibda fl-10:30am. Il-brejk ikun fl-10:00am ħlief meta jkun hemm eżami ta' siegħa u nofs. It-trasport lura d-dar ikun f'12:15pm.**




**Bord Editorjali:**

| | | |
|---|---|---|
| | Assistenta Kap: | *C. Pisani Grixti* |
| | Disinn: | *A. Galea* |
| | Fotografu: | *D. Bezzina* |
| | Issettjar: | *A. M. Zammit* |
| | Qari tal-Provi: | *L. Deguara, W. Incorvaja* |
| | | *S. J. Polidano u C. Tanti* |
| | Tradutturi: | *D. Bezzina u P. Sacco* |
| | Stampar: | *C. Cassar* |